MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2013

Numru. 546/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Yvonne Farrugia**

**vs**

**Robert Gatt**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Robert Gatt ta' 41 sena, bin Edgar u Diana nee' Tonna, imwieled Attard fit-23 ta' Mejju 1969 u residenti f'2 Triq il-Fjuri, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta tal-identita' numru 249269(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Matul is-sena 2010 f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda ;

1 a. iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta’ industrija jew xjentement, ghamel uzu ta’ dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin ukoll jew minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid ; jew

b. ghamel uzu, xjentement, ta’ marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista’ tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh merkanzija, b’din il-marka, sinjal jew emblema ; jew

c. xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal jew emblema imxebbhin b’qerq ;

u cioe’ diversi prodotti tal-marka Gilette Fusion Power u Gilette Mach

2. u aktar talli, fl-istess data, lokalitajiet u cirkostanzi, ghal qligh, jew bi skop ta’ kummerc, biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta’ Malta jew tahtha ;

3. Fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, bil-ghan li jiehu vantagg ghalih innifsu jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li jikkaguna telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-propjetarju, biegh jew kera, offra jew espona ghall-bejgh jew kiri jew qassam oggetti li kellhom fuqhom, jew li l-ippakkettjar taghhom kellu fuqu sinjal identiku ghal, jew li x’aktarx jithawwad ma’ trademark registrata ;

4. Fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, bil-ghan li jiehu vantagg ghalih innifsu jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li jikkaguna telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-propjetarju, kellu fil-pussess, kustodja jew kontroll tieghu fil-kors ta’ xi negozju xi oggetti bhal dawk bil-ghan li hu jew persuna ohra jaghmel xi haga li tkun reat

taht il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 72 tal-Kapitolu 416 l-Att dwar it-*Trademarks*, Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti kienet wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 26 ta' April 2011 (esebit a fol. 4 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-1 ta' Dicembru 2011 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Dawn il-proceduri gew inizjati wara li l-Pulizija rceviet kwerela datata 25 ta' Mejju 2010 (Dok YF 10 a fol 43 tal-atti processwali) minghand Dr. Luigi Sansone bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera The Gilette Company fl-Istati Uniti fejn dan spjega li l-imsemmija socjeta' hija propjetarja ta' varji trademarks fosthom "Gilette Mach 3 (figurattiva), M3 Power, Fusion, M3 MACH 3 Turbo (figurattiva), Turbo, Gilette Turbo, Gilette Mach 3 u/jew  MACH. Il-kwerelant allega li fix-xhur

precedenti kienu saru numru ta’ test purchases f’diversi hwienet hawn Malta stante li kien hemm suspett li kienu qed jinbieghu prodotti tal-Gilette kontrafatti u dan bi ksur tal-Artikoli 298(1)(a), (c) u (f) tal-Kodici Kriminali u tal-Artikolu 72(1)(b) tal-Kap. 416 tal-Ligijiet ta’ Malta. Il-kwerelant ghalhekk talab lill-Pulizija sabiex tinvestiga dwar dan il-fatt u sussegwentement tiehu proceduri kriminali fir-rigward.

Mill-provi[1] rrizulta li sar ilment mas-socjeta’ VJ Salamone Limited li huma l-agenti hawn Malta tal-Gilette dwar il-kwalita’ ta’ shaving blade li nxtrat minghand Victor’s Pharmacy f’Tas-Sliema. Wara li sar dan l-ilment saru xi test purchases[2] fejn nxtraw zewg pakketti tal-blades Gilette Fusion u dawn intbaghtu l-Istati Uniti fejn gew certifikati mis-socjeta’ Gilette bhala counterfeit (ara dokument a fol. 107 et sequitur tal-atti processwali) u dan ghas-segwenti ragunijiet:

*“a) The edges around the back of the counterfeit pack are smooth as the pack has been sealed with glue. In comparison, the edges around the back of the genuine pack have a raised texture as the genuine packs are pressure sealed by a machine.*
*b) The injection moulding point on the front of the counterfeit razor cartridge dispensers is different when compared to the same point on the genuine razor cartridge dispenser.*
*c) The weld marks on the actual razor blades are smaller on the counterfeit product than they are on the genuine razor blades”*

Mill-investigazzjonijiet li saru rrizulta li l-propjetarju ta’ Victor’s Pharmacy kien xtara l-blades in dizamina minghand l-imputat li kien jiggestixxi negozju ta’ wholesaler u importer permezz tas-socjeta’ Gatt Enterprises Limited. Fl-24 ta’ Gunju 2010 saret tfittxija fl-imhazen ta’ Gatt Enterprises Limited (ara Mandat ta’ Tfittxija nserit a.fol 35) fejn gew elevati 122 Gilette Mach 3

[1] Vide xhieda tal-Ufficjal Prosekutur u Nvestigattiv l-Ispettur Yvonne Farrugia a fol 19 et sequitur tal-atti processwali
[2] Ara xhieda ta Dr. Jonathan Abela Fiorentino a fol. 45 et sequitur tal-atti processwali

Turbo cartridges (x4) u 4 Gilette Fusion cartridges Power (x8) f'kaxxa bajda (ara ricevuta a fol 36). Sussegwentement irrizulta li l-122 Gilette Mach 3 Turbo cartridges kienu originali u kienu biss l-4 cartridges Gilette Fusion li kienu counterfeit. Meta gie arrestat l-imputat u rrilaxxja stqarrija (inserita a fol 31 sa 33 tal-atti processwali) huwa qal li kien xtara il-Gilette Fusion minghand l-X-Zone u l-Mach 3 minghand supplier fir-Renju Unit. L-imputat qal li huwa kien xtara il-prodotti minghand X-Zone bhala genwini u spjega lill-Pulizija li huwa kien jaghmel negozju frekwentement mal-X-Zone u ma kellu ebda raguni il-ghala jiddubita dwar l-awtenticita' tal-prodotti li kien xtara. Huwa ma setghax isib l-invoice ta' meta xtara l-prodotti izda waqt li kien arrestat ha lill-Pulizija ghand l-X-Zone fejn dak il-hin stess il-propjetarju kkonferma li kien biegh dawn il-prodotti lill-imputat u ghadda kopja tal-invoice lill-Pulizija.

L-imputat meta xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-15 ta' Marzu 2013 ikkonferma dak li kien qal fl-istqarrija u spjega li huwa kien ilu jaghmel ix-xoghol ta' wholesaler u impurtatur ghal dawn l-ahhar 25 sena u qal li f'dawn l-ahhar snin meta l-agenti lokali ta' certu prodotti li kien ibiegh bdew jippruvaw jaqtghu lil middleman billi jaghtu l-iskonti direttament lill-konsumatur huwa ddiversifika l-business  u beda' jimporta l-prodotti direttament bl-hekk imsejjah parallel importation fejn il-margin of profit tieghu kien qed ikun ahjar minn dak li kellu meta kien jaghmilha ta' wholesaler ghaliex huwa kien jixtri l-prodotti minn barra bi prezzijiet sostanzjalment irhas minn dawn tal-agenti lokali. Huwa izda spjega li gieli ma kienx isib jixtri r-range kollha tal-prodotti permezz tal-parallel importation u huwa kien ghalhekk jixtri dawk il-prodotti li jonqsulu minghand wholesalers ohra lokali u dan sabiex ikun f'posizzjoni li jbiegh ir-range komplut lill-klijenti tieghu. L-imputat spjega li fil-kaz tal-Gilette Fusion huwa kien xtrahom minghand l-X-Zone li kien klijent regolari tieghu u li kien anki jbieghlu xi prodotti ghaliex dan qallu  li seta' jbieghhomlu bi prezz tajjeb u daqsxejn anqas minn dak li kien qed ibieghhom l-agent lokali. Huwa qal li ma kellu ebda raguni jiddubita dwar l-awtenticita' tal-prodotti ghaliex kien qed jixtri minghand supplier li kien affidabbli u li kien qed ibeighlu  l-

prodotti bhala genwini. L-imputat spjega li huwa kien ibiegh il-blades Gilette Fusion li kien xtara minghand l-X-Zone kwazi kollha u dan b'mod regolari bil-VAT u bl-ircevuti u fl-imhazen tieghu kien baqalu biss erba' kaxxi li kienu dawn li nstabu mill-Pulizija.

Ikkunsidrat:

Illi f'dan il-kaz l-imputat qed jigi addebitat bi tlett reati separati u distinti u cioe' bir-reat ta qerq fil-kummerc kontemplat fl-Artikolu 298 tal-Kodici Kriminali, bir-reat ta' ksur ta' drittijiet tal-awtur (copyright infringement) kontemplat fl-Artikolu 298B tal-Kodici Kriminali u bir-reat ta' trademark infringement kontemplat fl-Artikolu 72 tal-Kap. 416 tal-Ligijiet ta' Malta. Minn ezami tal-provi prodotti f'dan il-kaz jirrizulta minghajr ebda dubju li d-drittijiet li s-socjeta' kwerelanti tirritjeni li gew lezi huma dawk konnessi ma trademarks u mhux ma copyright. Minn imkien mill-provi ma jirrizulta li seta' kien hemm xi ksur tad-drittijiet tal-awtur u ghalhekk ma tistghax tirrizulta rejita' in kwantu jirrigwarda t-tieni (2) imputazzjoni.

Jibqa' ghalhekk li jigu kkunsidrati l-imputazzjonijiet rigwardanti r-reat ta' trademark infringement kontemplat fl-Artikolu 72 tal-Kap. 416 tal-Ligijiet ta' Malta u r-reat ta' qerq fil-kummerc kontemplat fl-Artikolu 298 tal-Kodici Kriminali.

Fil-kaz tar-reat kontemplat fl-Artikolu 72 fil-Kap. 416 tal-Ligijiet ta' Malta ir-rekwiziti sabiex jissussisti dan ir-reat huma li wiehed ikun propjetarju ta' markju registrat u li persuna ohra b'intenzjoni li tigwadanja ghaliha nnifisha jew ghal terzi jew altrimenti li tikkawza hsara, u minghajr il-kunsens tal-propjetarju tapplika jew tuza markju jew sinjal distintiv li jkun identiku jew jixxiebah ma markju registrat. L-Artikolu 72(1) tal-Kap. 416 tal-Ligijiet fil-fatt jipprovdi s-segwenti:-

*"72. (1) Persuna li bil-ghan li tiehu vantagg ghaliha nnifisha jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li tikkaguna telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-proprjetarju -*

*(a) tapplika fuq oggetti jew fuq l-ippakkettjar taghhom sinjal identiku ghal, jew li x'aktarx jithawwad ma' trademark registrata, jew*
*(b) tbiegh jew tikri, toffri jew tesponi ghall-bejgh jew kiri jew tqassam oggetti li jkollhom fuqhom, jew li lippakkettjar taghhom ikollu fuqu, sinjal bhal dak, jew*
*(c) jkollha fil-pussess, kustodja jew kontroll taghha filkors ta' xi negozju xi oggetti bhal dawk bil-ghan li hi jew persuna ohra taghmel xi haga li tkun reat taht il-paragrafu (b), jew*
*(d) tapplika sinjal identiku ma' trademark registrata, jew li x'aktarx jithawwad ma' trademark registrata, ma' xi materjal mahsub biex jintuza -*
*(i) ghall-ittikkettjar jew l-ippakkettjar ta' oggetti,*
*(ii) bhala kartolerija kummercjali ghar-rigward ta'oggetti, jew*
*(iii) ghar-reklamar ta' oggetti, jew*
*(e) tuza, fil-kors ta' xi negozju, materjal li jkun fih sinjal bhal dak ghall-ittikkettjar jew l-ippakkettjar ta' oggetti, jew bhala kartolerija kummercjali ghar-rigward ta' oggetti, jew ghar-reklamar ta' oggetti, jew*
*(f) jkollha fil-pussess, kustodja jew kontroll taghha, filkors ta' xi negozju, xi materjal bhal dak bil-ghan li hi jew persuna ohra taghmel xi haga li tkun reat taht il-paragrafu (e), jew*
*(g) (i) taghmel oggett li jkun specifikatament disinjat jew adattat ghall-ghemil ta' kopji ta' xi sinjal ta' trademark registrata, jew ghall-ghemil ta' sinjal li x'aktarx jithawwad maghha, jew*
*(ii) ikollha xi oggett bhal dak fil-pussess, kustodja jew kontroll taghha fil-kors ta' xi negozju, filwaqt li tkun taf jew ikollha ghaliex tahseb li tkun intuzat, jew li tkun se tintuza, biex tipproduci oggetti, jew materjal ghall-ittikkettjar jew l-ippakkettjar ta' oggetti, bhala kartolerija kummercjali ghar-rigward ta' oggetti, jew ghar-reklamar ta' oggetti, tkun hatja ta' reat kontra dan l-artikolu."*

L-Artikolu 298 tal-Kodici Kriminali min-naha l-ohra jipprovdi hekk:

*"298. (1) Kull min -*

*(a) jiffalsifika jew ibiddel, mingħajr il-kunsens tas-sid, lismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xogħol tal-moħħ, jew tal-prodott ta' industrja, jew, xjentement, jagħmel użu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn ħaddieħor, mingħajr il-kunsens tas-sid;*
*(b) jiffalsifika jew ibiddel, mingħajr il-kunsens tas-sid, iddisinji jew mudelli ta' manifattura, jew, xjentement, jagħmel użu ta' dawn id-disinji jew mudelli iffalsifikati jew imbiddla, ukoll jekk minn ħaddieħor, mingħajr il-kunsens tas-sid;*
*(ċ) jagħmel użu, xjentement, ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew ibiegħ merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblema;*
*(d) iqiegħed fil-kummerċ merkanzija li għaliha tkun ġiet irreġistrata trade-mark distintiva, wara li jneħħi dik ilmarka mingħajr il-kunsens ta' sidha;*
*(e) iwaħħal fuq merkanzija deskrizzjoni kummerċjali falza, jiġifieri, jwaħħal iffalsifikata jew imbiddla,*
*ċifra, kelma jew marka illi skont l-użu tal-kummerċ tiswa biex turi -*
*(i) in-numru, il-kwantità, il-kejl, il-qies jew il-piż tal-merkanzija,*
*(ii) il-lok jew pajjiż li fih il-merkanzija ġiet maħduma jew prodotta,*
*(iii) il-mod li bih il-merkanzija ġiet maħduma jew prodotta,*
*(iv) il-fatt illi l-merkanzija jkollha privattiva, privileġġ jew jedd ta' proprjetà industrjali;*
*(f) xjentement iqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni, ibiegħ jew iżomm għandu għall-bejgħ jew jimporta għal ħsieb ta' kummerċ, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema imxebbħin b'qerq;*
*(g) xjentement jagħmel, iżomm għandu, jew jittrasferixxi lil ħaddieħor konn, klixè, makna jew għodod oħra sabiex jiffalsifikaw, jew sabiex jiġu wżati għallfalsifikazzjoni ta' trade-mark,*

*jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn erba' xhur sa sena.*
*(2) Għall-finijiet tas-subartikolu (1)(e), kull ċifra, kelma jew marka illi, skont l-użu tal-kummerċ, tkun tiswa biex turi*

*waħda mill-ħwejjeġ hawn fuq imsemmijin, titqies li hija deskrizzjoni kummerċjali tagħhom.*

L-Artikolu 302 tal-Kodici Kriminali jipprovdi imbaghad hekk:

*"Fil-każijiet imsemmijin fl-artikolu 298(1)(f), jitqies li l-akkużat mexa dolożament, kemm-il darba ma jippruvax -*
*(a) illi, wara li ħa l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa sabiex ma jiksirx id-disposizzjoni tal-paragrafu hawn fuq imsemmi, hu ma kellux, fiż-żmien li għamel iddelitt li fuqu jkun akkużat, raġun jaħseb illi l-marka jew sinjal ma kinux veri; u*
*(b) illi, meta ġie mistoqsi minn membru tal-Pulizija, huwa ta t-tagħrif kollu li seta' jagħti dwar il-persuni li minn għandhom ġieb dik il-merkanzija; u*
*(ċ) illi mill-bqija huwa mexa bla ħażen."*

Fil-kaz tar-reat tal-qerq fil-kummerc kwindi id-dolo huwa prezunt u l-oneru tal-prov li huwa ma kienx jaf li l-prodotti huma kontrafatti jigi spustat fuq l-imputat. Fil-kaz tar-reat ta' trademark infringement taht il-Kap. 416 l-oneru tal-prova tax-xjenza dwar il-kontrafazzjoni tispetta lill-Prosekuzzjoni.

Wara li l-ezaminat il-provi fil-kaz odjern din il-Qorti jidrilha li l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli li huwa xtara l-prodotti bhala genwini u bieghhom bhala tali u li ma kellu ebda raguni jahseb li dawn setghu ikunu kontrafatti. Dan jinghad ghaliex huwa xtara minghand supplier li huwa kien iqies bhala affidabbli ghaliex kien jinnegozja mieghu b'mod regolari u huwa hallas il-VAT u nhargu l-ircevuti relattivi. Huwa minnu li l-prodott kien qed jinbiegh lilu bi prezz ftit anqas minn dak li kien qed ibieghu l-agent lokali izda din hija xi haga komuni u li tigri ta' spiss fin-negozju tal-parallel trading u ma kienx hemm raguni il-ghala huwa ghandu jiddubita mill-genwinita' tal-prodott li kien qed jixtri. L-imputat inoltre mal-ewwel indika lill-Pulizija minghand min kien xtara u produca l-invoice relattiv. Il-persuna li xtara minghandu inoltre mal-ewwel ikkonferma lill-Pulizija li huwa kien biegh il-prodotti in dizamina lill-imputat. L-imputat inoltre spjega li il-

propjetarju tal-X-Zone kien bieghlu l-prodotti bhala originali u li huwa kien baghat id-delivery man jigbor il-konsenja u ma qaghadx jiccekkja l-prodotti wiehed wiehed meta dawn gew kkonsenjati. Il-Qorti inoltre setghat tikkonstata li d-differenzi bejn il-prodott originali u dak kontrafatt m'humiex daqshekk evidenti u ovvji u wiehed jinduna bihom biss meta jezamina iz-zewg prodotti hdejn xulxin fid-dettall. Huwa ghalhekk plawzibbli li l-imputat ma kellux suspett dwar l-awtenticita' tal-prodotti li kien qed jixtri minghand l-X-Zone.

Il-Qorti jidrilha li ma tirrizultax ir-rejita' la ghar-reat ta' qerq fil-kummerc u l-anqas ghar-reat ta' trademark infringement kontemplat fl-Artikolu 72 tal-Kap. 446.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------